*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,521, 13 ta' Novembru, 2020*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru LII tal-2020**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.**

**ACT No. LII of 2020**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to further amend the Criminal Code, Cap. 79.**

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

13 ta' Novembru, 2020

**ATT Nru LII tal-2020**

*ATT sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1**. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2020 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaga waħda mal-Kodiċi Kriminali hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi". Titolu fil-qosor. Kap. 9.

**2.** Fis-subartikolu (2) tal-artikolu 87 tal-Kodiċi, il-kliem "priġunerija għal għomru" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "priġunerija minn seba' snin sa għomru l-ħabs". Emenda tal-artikolu 87 tal-Kodiċi.

**3.** Is-subartikolu (1) tal-artikolu 328F tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 328F tal-Kodiċi.

(a) minnufih wara l-kliem "ta' xi persuna involuta f'attivitajiet terroristiċi" għandu jiżdied il-kliem "jew ta' xi grupp terrorista"; u

(b) il-kliem "il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn erba' snin jew multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew dik il-multa u priġunerija flimkien." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erba' snin iżda mhux iżjed minn għoxrin sena jew multa ta' mhux iżjed minn żewġ miljuni u ħames mitt elf euro (€2,500,000) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.".

Emenda tal-artikolu 328G tal-Kodiċi.

**4.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 328G tal-Kodiċi, il-kliem "jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tnax-il sena." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jeħel il-piena ta' priġunerija minn seba' snin sa għomru l-ħabs.".

Emenda tal-artikolu 328J tal-Kodiċi.

**5.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 328J tal-Kodiċi, il-kliem "jeħel għal reat bħal dak il-piena ta' multa ta' mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) u mhux iżjed minn żewġ miljuni u tliet mija u disgħa u għoxrin elf u tliet mija u tlieta u sebgħin euro u erbgħin ċenteżmu (€2,329,373.40)." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "jeħel għal reat bħal dak il-piena ta' multa ta' mhux iżjed minn ħames miljun euro (€5,000,000).".

Emenda tal-artikolu 492 tal-Kodiċi.

**6.** Fis-subartikolu (1) tal-artikolu 492 tal-Kodiċi, il-kliem "piena ta' priġunerija għal żmien minn tmintax-il sena sa tletin sena." għandu jiġi sostitwit bil-kliem "piena ta' priġunerija għal żmien minn tnax-il sena sa erbgħin sena.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 398 tal-10 ta' Novembru, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

VERŻJONI ELETTRONIKA



I assent.

**(L.S.)**

**GEORGE VELLA**
**President**

13th November, 2020

# ACT No. LII of 2020

*AN ACT to further amend the Criminal Code, Cap. 9.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:-

**1**. The short title of this Act is the Criminal Code (Amendment No. 3) Act, 2020 and this Act shall be read and construed as one with the Criminal Code, hereinafter referred to as the "Code". Short title. Cap. 9.

**2.** In sub-article (2) of article 87 of the Code, the words "imprisonment for life" shall be substituted by the words "imprisonment from seven years to life". Amendment of article 87 of the Code.

**3.** Sub-article (1) of article 328F of the Code shall be amended as follows: Amendment of article 328F of the Code.

(a) immediately after the words "of any person involved in terrorist activities" there shall be added the words "or of a terrorist group"; and

(b) the words "the punishment of imprisonment for a term not exceeding four years or to a fine (*multa*) not exceeding eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87) or to both such fine and imprisonment." shall be substituted by the words "the punishment of imprisonment for a term of not less than four years but not exceeding twenty years or to a fine (*multa*) not exceeding two million and five hundred thousand euro (€2,500,000) or to both such fine and imprisonment.".

Amendment of article 328G of the Code.

**4.** In sub-article (1) of article 328G of the Code, the words "be liable to the punishment of imprisonment not exceeding twelve years." shall be substituted by the words "be liable to the punishment of imprisonment from seven years to life.".

Amendment of article 328J of the Code.

**5.** In sub-article (1) of article 328J of the Code, the words "be liable to the punishment of a fine (*multa*) of not less than eleven thousand and six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87) and not more than two million and three hundred and twenty-nine thousand and three hundred and seventy-three euro and forty cents (€2,329,373.40)." shall be substituted by the words "be liable to the punishment of a fine (*multa*) not exceeding five million euro (€5,000,000).".

Amendment of article 492 of the Code.

**6** In sub-article (1) of article 492 of the Code, the words "punishment of imprisonment for a term from eighteen to thirty years." shall be substituted by the words "punishment of imprisonment for a term from twelve to forty years.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 398 of the 10th November, 2020.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

VERŻJONI ELETTRONIKA

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper*

**Prezz/*Price***
**€0.36**